

# L-ISTORJA TAL-KAPPELLA TA' MARIA BAMBINA MAGĦRUFA BĦALA TAL-VITORJA, F'ĦAS-SAJJIED, B'KARA

**Kitba ta' Catherine Fenech B.A.(Hons.)**



Dettall mill-isbaħ ta' l-istatwa tal-Vitorja

Il-knejjes dedikati lil Madonna taħt diversi titoli ġewwa l-gżejjer Maltin, jiżboq bil-bosta dawk il-knejjes dedikati għall-qaddisin oħra. Dan juri d-devozzjoni qawwija tal-Maltin lejn il-Verġni Marija. Il-Madonna taħt it-titolu ta' Maria Bambina magħrufa aktar bħala l-Madonna tal-Vitorja hija tassew popolari fil-gżejjer Maltin. Biżżejjed tara li hawn 3 parroċċi f'Malta u oħra f'Għawdex iddedikati lil Maria Bambina biex ma nsemmux il-kappelli, statwi u niċeċ iddedikati jew li juri x-xbieha tagħha.

Il-Madonna taħt it-titolu ta Maria Bambina jew it-Twelid tal-Madonna għandu għeruq aktar twal fil-Knisja Kattolika milli t-titolu tal-Madonna tal-Vitorja. It-titolu tal-Vitorja huwa magħruf għal-436 sena u hu assoċċjat mat-Twelid tal-Madonna propju għax kien fit-8 ta' Settembru ta l-1565, nhar il-festa tal-Bambina li t-Torok sallpu l-barra mix-xtut Maltin u ntemm l-Assedju l-Kbir. Kienet Vittorja għall-Maltin u għall-Ewropa Nisranija li bl-interċezzjoni ta Maria Bambina ħellsu mill-Mislem li dak iż-żmien kien l-għadu prinċipali ta' l-Insara. Għalhekk fil-festa tal-Bambina minn dak in-nhar il-quddiem bdiet tiġi ċċelebrata ukoll il-festa tar-rebħa.....tal-vittorja u għalhekk il-festa tal-Bambina ingħatat it-titolu tal-Madonna tal-Vitorja, li kompla jissaħħaħ mal-55 sena ilu fejn kien ukoll fit-8 ta Settembtu 1943 meta intemm sehem Malta fit-Tieni Gwerra Dinija...rebħa oħra bl-interċezzjoni tal-Madonna li ftit taż-żmien qabel ukoll daħlet għalina għax kien eżatt nhar il-festa ta' l-Assunzjoni tagħha fil-15 ta Awissu li daħal il-Konvoj magħruf bħala ta Santa Marija tant mistenni li ħellisna milli nċedu artna lill-għadu.



Il-kwadru titulari ta' Maria Bambina

Il-knejjes iddedikati lit-Twelid tal-Madonna bdew jiġu magħrufa aktar bħala tal-Madonna tal-Vitorja wara l-1565. Insibu ukoll li l-isem Vittorio jew Vittorja beda jingħata spiss lit-trabi. Anki hawn f'B'kara għax meta nħarsu lejn ir-reġistri tal-Magħmudija ta' bejn l-1557 u l-1615 insibu eżempju li fit-12 ta Novembru 1581 ġiet mgħamda Vittorja Borġ, bint Pawlu u Antonia.

Wara ħarsa lejn l-istorja tat-titolu tal-Madonna tal-Vitorja, issa nħarsu lejn id-devozzjoni tal-Karkariżi lejn il-Madonna taħt dan it-titolu. Ir-ricerka storika li għamel il-Kan. Vincenzo Buhagiar rigward il-Knisja tal-Vitorja f'B'kara, turina biċ-ċar kemm il-Viżti Pastorali li kienu jagħmlu minn l-Isqfijiet ta' Malta kull tant żmien kienu jħallu tagħrif mill-aqwa fuq il-knejjes tagħna u l-istat tagħhom fl-imgħoddi.

Fl-ewwel Vista Pastorali f'Malta saret mill-mibgħut tal-Papa, Mons. Dusina fl-1575, fejn ġie f'B'kara fit-30 ta Jannar. Huwa jgħid li kien hawn żewġ kappelli ddedikati lil Madonna tal-Vitorja, dik li qeda fil-qasam ta Ħas-Sajet u dik li llum magħrufa bħala s-Santwariu tal-

Madonna tal-Ħerba, biss kellha u ghad ghandha it-titular bix-xbieha tal-Madonna tal-Grazzja. Mons. Dusina jgħid li l-kappella tal-Vitorja kellha biswitha knisja akbar minnha ddedikata lil San Anard. Din ta l-aħħar kienet miżmuna ferm aħjar minn tal-Vitorja. Il-kappella tal-Vitorja kellha ġnien u cimiterju maghha, kellha artal miksur fuq naha wahda, bibien tal-injam, kienet mingħajr rettur u la kellha dħul u l-anqas infieq. Biss ċertu Franġisku Borg kien jieħu ħsieb li jsir l-Għosrien u l-quddiesa f'jum il-festa titulari.

Il-kappella tal-Vitorja f'Ħas-Sajjied bil-Vista Pastorali tal-Mons. Michele Giovanni Balaguer de Camarasa fl-1635 rat l-ordni minn dan l-Isqof sabiex tiġi pprofonata u mħatta sal-pedamenti. Fir-rapport hu ddeskriva l-kappella bħala li għandha artal tal-ġebel bi kwadru qadim ħafna li juri x-xbieha ta Omma Alla, biss il-kappella ma kienitx fi stat diċenti u kienet nieqsa minn kollox. Marku Borg, bin Franġisku kien jieħu ħsieb il-quddies nhar il-festa. Hu stqarr mal-viżitatur li ser iħalli xi ħaġa stabbli lil din il-kappella u b'hekk Balaguer laħħqu prokuratur tagħha. Biss ftit wara infethet barriera quddiemha, barriera sabiex tforni l-ġebel għall-parrocca l-gdida li kienet qed tinbena, dik li llum insibuha bħala l-Knisja l-Qadima ta' L-Assunta. Għalhekk minhabba l-barriera kien inħareġ digriet sabiex il-kappella tal-Vitorja tiġi ipprofonata u mħatta.



Il-Gallerija ta' l-orgni fil-knisja tal-Vitorja

Infatti fir-rapporti tal-Viżta Pastorali li għamel l-Isqof ta Palermo u Malta, Mons. Michele Giacomo Molina fl-1680 hemm imniżżel li l-Knisja tan-Nativita tal-Madonna f'Ħas-Sajet ġiet pprofonata fit-13 ta Narzu 1659 biċ-ċimiterju tagħha b'kollox. Il-kappella inħattet u l-artal ġie trasferit f'dik ta San Anard. Biss il-quddiesa tal-festa baqgħet issir u l-lampier kien jinxtegħel mill-ġbir fost id-devoti u kull tlett snin kienet titqaddes quddiesa fil-ġimgħa imħollija minn Agostino Debono.

Ġara mbagħad li minħabba li kien hemm bżonn kbir tal-ġebel għall-knisja l-ġdida, bdew jinħarġu permessi biex jinhattu diversi kappelli u dik ta' San Anard messa l-istess xorti bhal tal-Vitorja u nħattet ukoll. Biss hekk kif ingħalqet il-barriera, il-kappella tal-Vitorja reġgħet inbniet mill-ġdid, filwaqt li ta' San Anard ma reġgħetx inbniet.

Fil-Viżta Pastorali ta Mons. Fra Giacomo Cannaves insibu li l-kappella tal-Vitorja kienet reġgħet fuq saqajha b'aktar saħħa. Insibu ħafna dettalji fir-rapport fuq il-kappella. Hu żar il-kappella fis-27 ta Ottubru 1716. Sab artal wieħed tal-ġebel bil-mensa mgħottija bit-twavel ta l-injamm u rħama bajda fin-nofs u titla ghalih b'2 targiet. L-artal kien sabiħ u tajjeb għas-sagrifiċċju tal-quddiesa. Fuqu kien hemm 6 kandlieri ta l-injam argentati u 6 vazetti pariġġhom fil-fjuretti u bejniethom kien hemm salib fuq forma ta' pedestal żgħir bix-xbieha ta' Ġesu Kurcifiss pinguta fuq imma mhux forma ta korp shih. Il-kwadru ta l-artal kellu madwaru gwarniċ tal-gebel imnaqqax u jipprezenta t-Twelid tal-Madonna fil-parti ta' fuq u lil San Anard u lil Santa Katerina V.M. fil-parti t'isfel. Aktar l-isfel fil-kwadru kien hemm imhazzez l-isem tal-pittur: Antonio de Ristogiro. Quddiem l-artal kien hemm lampier tal-istann bil-lampa tixghel il-lejl kollu. Kien hemm kalci u parametri sagri u l-ħwejjeġ kienu jintrefghu fl-armarju ta l-injam. Kellha 2 bankijiet ta l-injam għal kumdita tan-nies , fonti ta l-ilma mbierek u qanpiena tal-bronz taħt hnejja fuq il-bejt. Kellha ċimiterju barra quddiemha. Il-prokuratur ien Dun Karlu Feliċi u s-sagristan kienu Ġużeppi Feliċi, bin Duminku.


Dettall tal-kwadru titutlari

Fil-kotba ta' l-Amminisstrazzjoni instabu li l-kappella kienet tipposiedi 50 uqija flus u l-ispejjeż tal-festa kienet tithallas mill-kappella stess bid-dħul mill-għalqa msejħa ta l-Ghogla li kienet tinsab fil-qasam imsejjaħ tas-Sewecki, Is-Swieqi ta llum. Din l-għalqa kienet tħalli dhul ta 3 skudi u 4 tari fis-sena u kienet tħalli dota minn Duminku Micallef bl-Atti tan-Nutar Benedetti Vassallo fit-13 ta Diċembru 1683.

Fl-Inventarju li kien hemm dak iż-żmien hemm imsemmi ukoll fil-kappella kien hemm 6 trieħi tal-artal, 3 albi, 3 pjaneti ta kulur differenti, 3 korporali u 11 il-sopralalci. Kien hemm kalċi b'sieq tal-bronz u tazza tal-fidda, 30 purifikatur, 7 mkatar tal-harir bojod, 3 ventartali tad-drapp, legiju u 2 tapiti tas-suf.

Fiż-żjara Pastorali tal-Isqof Mons. Fra Pawlu Alpheran de Bussen fl-1729 ma sabx tibdil mill-vista pastorali ta' Cannaves. Biss jingħat li bejn l-1724 u l-1736 il-kappella reġgħet ġiet imwaqqa u mibnija mill-ġdid kif nafuha llum, tonda u fuq stil barokk moderat, imma mingħajr sagristija. De Bussen reġa żar il-kappella fl-1747 u niżżel li l-prokuratur kien inbidel għax Dun Karlu Feliċi kien miet u floku laħaq Dun Ġwakkin Ciantar.

L-Isqof Mons. Fra Vincenzo Labini ghamel 8 visti pastorali fid-djocesi Maltija. Fl-ewwel waħda ġie f'B'kara fis-6 ta Gunju 1781 u zar il-Kappella tal-Vitorja fejn kien milqugh mill-Arċipriet u wasslu sa fuq l-artal maġġur tal-irħam bi twavel sħaħ fuqu. Hu stqarr li l-kappella ma kien jonqosha xejn. Iddeskriva l-kwadru titulari b'gwarniċ madwaru u skultura tal-gebel mizbugha b'diversi kuluri. Il-kwadru juri t-Twelid tal-Bambina kif nafuh illum u jissemmew il-kwadri tak-ġenb ta l-artal, it-transiti ta San Ġuzepp u s-Salvatur flimkien ma San Gwakkin u Sant' Anna. Isemmi l-Ossensarju tal-fidda immartellat bir-relikwa ta bicca mil-velu tal-Madonna. Il-kalċi kien għadu bħal qabel u l-flus tal-festa kien jitħallas mid-dhul tal-ghalqa ta l-Ghogla.


Il-koppla wara r-restawr.

Fil-Vista Pastorali ta Labini fl-1793 isemmi li l-prokuratur kien Dun Frangisk Sammut SThD iben Mario Sammut u Teodora li sar Prepostu fl-1807. Warajħ reġa laħaq prokuratur Dun Ġwakkin Ciantar li issa kien mgħobbi biż-żmien u nfatti miet sentejn wara fl-eta ta 82 sena.

Fir-rapport tal-Viżta Pastorali ta l-Isqof Ferdinand Mattei dan ta l-aħħar faħħar il-kappella li kienat miżmuma nadifa u kellha il-ħwejjeġ u parametric sagri kollha u l-prokuratur dak iż-żmien kien Mikiel Vassallo.

Fil-Viżta Pastorali ta l-Isqof Mons. Publius dei Conti Sant fl-1849 ħatar lil Dun Franġisk Vassallo bħala prokuratur. Bejn l-1853 u l-1862 hemm fil-kotba ta l-amministrazzjoni hemm imniżżel li kien hemm kapital ta 100 skud li rrenda imgħax ta' 60 skud. Dan il-kapital kien misluf lil Ġużeppi Grech. B'dawn l-imgħax inbniet is-sagristija mingħajr kampnar. Biss dan inbena wara mill-benefattur Pawlu Borg bħala ringrazzjament lil Madonna tal-Vitorja għal grazzja li qala.


L-arzella waqt ix-xogħol ta' restawr

Fil-kappella jinstabu opri artistiċi u ħwejjeg oħra li jżejnuha. Fost dawn insemmu il-qniepen. Kien hemm waħda antika tad-Ditta Abela li nbiegħet f'Ottubru 1965 għal Lm6.09c u qanpiena oħra antika ingħatat lis-Socjeta ta MUSEUM. Qanpiena oħra inbiegħet għal prezz ta Lm11.40c.

L-4 qniepen li hemm illum huma:

Il-kbira "Maria Bambina", għolja 48 cm b'dijametru ta 56cm. Saret f'awissu 1965 u tħallset minn Modesta Borg għal prezz ta Lm190.

Iż-żgħira "Elena" hi għolja 30cm b'dijametru ta 34cm. Tlestiet f'Jannar 1966. hija tad-Ditta John Taylor u tħallset minn Carmena Borg.

Il-qanpiena "Michelina" li hi ukoll ta' Taylor saret fl-1961. Għolja 45cm b'dijametru ta 37cm u tħallsett minn Emmanuel Calleja. Elena u Michelina qamu flimkien Lm191. hemm qanpiena oħra antika li saret hawn Malta fl-1909 għolja 37cm b'dijametru ta 36cm.

Il-Kan. Vincenzo Buhagiar fil-ktieb tiegħu dwar il-Kappella tal-Vitorja isemmi li jiftakar li fi tfulitu kienet issir festa esterna attiva ħafna bis-sehem tal-banda fil-pjazzetta quddiem il-kappela fost il-mixgħela. Biss fl-1960 ir-Rev. kapitlu għamel regolamenti godda fuq iċ-ċelebrazzjoni esterna tal-festi titulari tal-knejjes filjali, sabiex ikun hemm aktar kontroll u jitnaqqsu l-abbuzzi. Bejn l-1960 u 66 sar ħruġ finanzjarju li jvarja bejn Lm28 u Lm60 għaċ-ċelebrazzjoni tal-festa interna.

Fit-18 t'April 1899 inhareg Digriet mis-Santa Sede fejn il-Papa kkoncieda li fit-3 u r-4 Hadd ta Settembru fejn issir il-festa esterna u solenni ad unur Maria Bambina, ssir ohra letta tal-festa tan-Nativita basta ma jahbtux ma festi ohra kbar jew festi ohra tal-Madonna. Ghalhekk il-festa ma ssirx fit-8 ta Settembru ezatt.

Il-kappella ġiet ikkonsagrata fit-3 ta Settembru 1944 mill-isqof ta Tralles, Emanuel Galea. Saru festi kbar tul l-4 tijiem ta' festi li ġew organizzati apposta għall-okkażżjoni tal-Konsagrazzjoni u twaħħlet lapida kommemorattiva.

Opri u xogħol li sar tul dawn l-aħħar mitt sena kienu bosta bħal ngħidu aħna, ir-rixtellu ta' barra u l-pavimentar ta l-irħam li sar fl-1925 bit-tħabbrik ta Dun Anton Bugeja.


Waħda mill-Lunetti hekk kif kienet lesta.

L-istatwa titulari ta' Maria Bambina ġiet restawrata mill-pittur Ġużeppi Briffa fis-sittinijiet. Oriġinaljament l-istatwa hi xogħol Ġużeppi Cilia, assistant ta Mastru Karlozzu Darmanin. Cilia ħadem ukoll l-istatwi ż-żgħar li jinsabu fin-niċeċ mal-ġenb tal-artal: dik tal-Madonna tas-Sacra Cuor u dik ta San Guzepp. L-istatwa tal-Bambina ġiet imżejna b'raġġiera tal-fidda fuq disinn tal-Perit Antonio Zammit u maħduma minn Marjanu Pace. Il-bankun tal-ġewż ġie mogħti minn Gregorju Fenech. L-istatwa ta Marija Addolorata inġiebet minn Spanja fuq l-inizzjattiva ta' Elena Attard u Speditu Camilleri.

Fis-sittinijiet sar ħafna xogħol fil-kappella, bħal purtieria ġdida għal ħdejn il-bieb ta' barra fl-1961, inġinokkjatur fl-1963, pavaljun li tfassal f'Ottubru 1963 ghal fuq l-istatwa u bradella għal-artal u ambone f'Ottubru 1966. Fl-1965 saret manutazzjoni u dekorazzjoni ġdida fil-kappella li qamet Lm76, waqt li sena wara inżebgħet il-faċċata u l-bieb. Ftit qabel f'Diċembru 1962 saret zokklatura ġdida tal-mużajk fil-faċċata li qamet Lm42.

Illum il-kappella sservi bħala ċentru attiv ta' ħidma reliġjuża, soċjali u devota b'quddies li jsir is-sena kollha. Għalkemm kappella ċkejkna mitlufa fil-qalba tar-raħal, xorta għandha storja glorjuża u twila. Serviet tajjeb lil poplu ta dawn in-naħiet u huma urew l-apprezzament tagħhom u id-devozzjoni qawwija lejn il-Madonna tal-Vitorja. Lill-kappella dejjem ippruvaw li jagħtuha l-hajja u jzejnuha bl-aħjar tiżjin u opri artistici. Ħasra li m'għandniex tagħrif rigward il-kwadru sabih titulari li jzejjen din il-kappella. La nafu minn pittru u lanqas meta, avolja wisq probabbli ġie mpitter circa l-1770. Biss werrieta tal-kanonku Gwann Franġisk Debono li laħaq saċerdot fis-7 ta Gunju 1759 li joqgħodu 86, Triq il-Vitorja, għandhom abbozz li jixbah ferm dan il-kwadru titulari. Dan jista jfisser li l-Kanonku Debono jew kien il-prokuratur tal-kappella dak iż-żmien li sar il-kwadru jew kien il-benefattur tal-kwadru nnifsu.

Biss xorta għandna ngħożżu din il-ġawhra f'nofs ir-raħal għax din il-kappella hi xhieda soda tad-devozzjoni qawwija tal-Karkariżi lejn Maria Bambina taħt it-titolu tal-Madonna tal-Vitorja.

**Biblijografija:**

A. Guillaumier – Bliet u Rħula Maltin
Kan. V. Buhagiar – L-Istorja tal-Kappella tal-Madonna tal-Vitorja f'Ħas-Sajjied.